MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH AZZOPARDI**

Seduta tat-23 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 411/2005

**A**

**-vs-**

**B.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentata fid-19 ta' Dicembru, 2005 li permezz taghha l-attrici ppremettiet:

Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta' Dicembru 2000 gewwa l-Knisja Parrokkjali ta' San Gorg, Hal Qormi, skond ma jirrizulta mic-certifikat taz-zwieg li qed jigi anness u markat bhala Dokument "A".

U illi ftit qabel iz-zwieg tal-kontendenti kien twieled il-minuri X minn relazzjoni li l-partijiet kellhom flimkien.

U illi l-kontendenti huma legalment separati minn xulxin in forza ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fl-ittra tan-Nutar Dottor Mario Bugeja datat 19 ta' April 2004.

U illi l-kunsens tal-partijiet ghaz-zwieg kien vizzjat b'difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha.

U illi wkoll il-kunsens tal-konvenut inghata bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga.

U illi ghalhekk l-imsemmi zwieg huwa null u bla effett ai termini tal-artikoli 19(1) (d) u/jew (f) tal-Att Dwar iz-Zwieg (Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghalhekk jitlob lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara u tiddeciedi illi z-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti huwa null u bla effett kif hawn fuq spjegat.

Bl-ispejjez kontra l-konvenut illi hu minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attrici mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat li l-konvenut debitament notifikat ma ppresentax nota tal-eccezzjonijiet u ghalhekk huwa kontumaci skond il-ligi.

Rat l-atti processwali.

Rat l-affidavits ta' l-attur, u ta' omissis.

Rat il-verbal tas-seduta tat-12 ta' Mejju, 2006 illi permezz tieghu l-kawza thalliet ghas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi l-attrici qed titlob l-annullament taz-zwieg kontrattat bejn il-partijiet fl-1 ta' Dicembru, 2000 a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d) u (f) tal-Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta' Malta. Il-konvenuta hija kontumacji u ma ressqitx provi, izda kif dejjem irritenew il-Qrati Maltin; "*F' materja ta' zwieg illi huwa ta' ordni pubbliku, ma tistax taghmilha daqshekk facli li parti tirrepeti kliem il-ligi u l-parti l-ohra tammetti u b'hekk jirrendu z-ziewg annullabli bl-iktar mod facli u espedjenti. Hawn ma ahniex fil-kamp ta' kreditu likwidu jew responsabilita' ta' xi kollizjoni, imma f'kamp l-iktar delikat u serju u l-Qorti ma tistax thalli nies li kappriccizoment wara xi zmien ta' zwieg jiddeciedu illi kellhom nuqqas ta' diskrezzjoni fuq iz-zwieg u meta jkollhom siehba jew sieheb iehor jergghu jakkwistaw malajr din id-diskrezzjoni u jsiru maturi. Fejn jirrizultaw verament ragunijiet ghall-annullament tieghu l-istess zwieg ghandu jigi annullat, pero' dan ma ghandux ikun sabiex jigu akkomodati l-kapricci ta' dak jew l-iehor. Ghalhekk il-kawzali ghall-annullament ghandha tirrizulta cara u minghajr dubbju* (<u>Anna Tonna vs Alexander Tonna</u> deciza mill-Qorti ta' l-Appell fis-6 ta' Novembru, 1991).
Dan japplika anke f'kaz ta' ammissjoni izda japplika izjed f'kaz fejn il-konvenuta huwa kontumacji u ghaliex hu risaput illi l-kontumacja fl-ordimament guridiku taghna hija kontestazzjoni u mhux ammisjoni.

L-artikoli citati mill-attur jirrigwardjaw;

19 (1) (d) – vizju tal-kunsens ta' xi parti li jkun b'difett serju ta' diskrezzjoni fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u dmirijiet essenzjali taghha jew b'anomalija serja psikologika li taghmilha mpossibbli li dik il-parti taqdi l-obligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

19 (1) (f) – li l-kunsens ta' xi porti ikun inkiseb b'eskluzzjoni posittiva taz-zwieg jew xi element essenzjali tieghu, jew tad-dritt ghall att taz-zwieg .

Mill-provi mressqa jidher li l-partijiet izzewgu wara li l-attrici kienet harget tqila meta kienu gharajjes. Mill-provi

jirrizulta li l-partijiet ma kinux ghadhom jafu lil xulxin sewwa u gew 'kostretti' jizzewgu minhabba t-tqala ta' l-attrici. Il-konvenut jidher li kellu wkoll problemi ta' droga u alkohol u certament ma kienx f'posizzjoni li jersaq ghaz-zwieg u jidher ukoll li z-zwieg kien disastru totali. Il-Qorti ghalhekk thoss li z-zwieg ghandu jigi dikjarat null a bazi ta' l-Artikolu 19 (1) (d) fuq imsemmi.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tilqa t-talba attrici u tiddikjara null iz-zwieg bejn il-kontendenti kontrattat fl-1 ta' Dicembru, 2000. L-ispejjes ikunu bla taxxa.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------